# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d

## Seduta ta' nhar il-Hamis 12 ta' Novembru, 2015

**Talba Nru:** 465/15 DMA

**Magnetic Services Limited**
**C 32380**

**Vs**

**Ronald N. Pavia**
**ezercenti fil-kummerc bl-isem 'Ronald Marketing'**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit- 3 ta' Gunju, 2015 fejn is-socjeta' attrici talbet jghid il-konvenut il-ghaliex dan it-Tribunal m'ghandux jikkundannah ihallas lill-attur is-somma ta' erba' mija u wiehed u erbghin ewro (€441) rapprezentanti rifuzjoni ta' depozitu mhallas mis-socjeta' attrici lil konvenut ghal konsenja ta' prodotti li jinkludu basktijiet, liema depozitu thallas permezz ta' cekk datat it-18 t'Awissu, 2014 u liema basktijiet ma gew qatt ikkonsenjati u liema depozitu ma giex rifuz, minkejja li l-konvenut kien interpellat diversi drabi sabiex jaghmel dan.

Bl-ispejjes, u bl-imghax legali kontra l-intimat, bl-ingunzzjoni tal-intimat in subizzjoni.

Il-konvenut debitament notifikatipprezenta risposta fis-7 ta' Novembru, 2015 fejn eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi fl-ewwel lok kien l-istess rikorrent li ppospona ghal diversi xhur l-ordni tieghu.

2. Illi l-merkanzija minnu eventwalment ordnata tinsab fil-procint li tkun lesta u kkonsenjata lilu entro z-zmien ragonevoli mifthiehem;

3. Illi skont il-ligi ma tezisti l-ebda raguni ghar-rifuzzjoni tad-depozitu maghmul liema depozitu, fi kwalunkwe kaz, ma jistax jigi rifuz jekk mhux prevja talba ghat-thassir tan-negozju liema talba ma saritx.

4. Illi ghaldaqstant l-esponenti m'ghandu jghati xejn lir-rikorrenti u t-talbiet ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

It-Tribunal semgha lil Mario Pace in rapprezentanza tas-socjeta' attrici li spjega illi l-ordni kien ilu zmien twil li ghamilha u hallas depozitu ghaliha. Mix-xhieda ta' Ronald Pace hareg car illi l-oggetti damu zmien twil biex gew ordnati minnu stess lil kumpanija ohra bir-rizultat illi halla lis-socjeta' attrici tistenna minghajr l-oggetti ordnati. Tresqet l-iskuza illi kien hemm bzon illi jigi kkonfermat l-art work sabiex tali ordni ssir minn Ronald Pavia minghand terzi pero' fix-xhieda tieghu Ronald Pavia kien xehed illi kollox jigi settled meta jircievi d-depozitu inkella dan ma jzommx depozitu.

Ghalhekk mix-xhieda hareg car illi is-socjeta' attrici ghamlet l-ordni taghha liema ordni giet abbandunata mill-konvenut u ghalhekk it-Tribunal jilqa' it-talba attrici u jikkundana lill-konvenut ihallas is-somma ta' erba' mija u wiehed u erbghin ewro (€441) lis-socjeta' attrici.

Bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

Spejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**
**Gudikatur**